MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 1386/1998/1

**Maltacom p.l.c**

**v.**

**Fenech Oil & Petroleum Company Limited**

Rat ic-citazzjoni li pprezentat is-socjeta` attrici fil-25 ta' Gunju 1998, u li taqra hekk:

"Premess illi skond il-ftehim relattiv ghas-servizz tat-telefon hawn anness u markat "Dok A" kif ukoll skond ir-regolamenti vigenti li jirregolaw l-uzu tas-servizzi moghtija mill-Korporazzjoni Telemalta (awtrici ta' Maltacom p.l.c), is-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta' attrici is-

somma ta’ tlett elef tlett mija u wiehed u tmenin lira maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm3381.52) in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon relattiv ghal-linji bin-numri, tmienja, tnejn, sitta, zero, tlieta, wiehed, (826031) u tmienja, zero, sebgha, sebgha, erbgha, disgha (807749), skond il-prospetti hawn annessi u markati bhala “Dok B” u “Dok C.”;
“Premess illi s-socjeta’ konvenuta interpellata biex thallas baqghet inadempjenti;

“Premess illi dan id-dejn huwa cert, likwidu u ezigibbli;

“Tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandiex:

“(1) tiddeciedi l-kawza skond it-talba tas-socjeta’ attrici bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur ta’ l-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“(2) tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlett elef mija u wiehed u tmenin lira Maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm3381.52).

“Bl-ispejjez inkluzi dawk tat-taxxa tas-sisa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenuta, li giet ngunta ghas-subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta li in forza taghha eccepiet illi:

“1. Fl-ewwel lok l-infondatezza tat-talbiet attrici fil-fatt u fid-dritt.

“2. Fit-tieni lok u bla pregudizzju ghas-suespost l-irritwalita tal-ewwel talba attrici billi ddekora irrimedjabbilment it-terminu stabbilit mill-ligi ghan-notifika tal-eccipjenti;

“3. Fit-tielet lok u bla pregudizzju ghas-suespost l-illegittimita tal-eccipjent bhala kontradittur ta’ din il-kawza billi l-istess socjeta eccipjenti ma ghandha l-ebda rabta

kontrattwali mal-atturi in rigward tas-servizzi premessi, dan kif ser jigi ampjament ippruvat tul is-smiegh tal-kawza;

“4. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghas-suespost il-preskrizzjoni tat-talbiet attrici a tenur tal-artikolu 2156 (d) u (f) tal-Kodici Civili.

“5. Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom.

“6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta’ Novembru 2009 li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi:
“… … fl-ewwel lok tichad l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta ad eccezzjoni tal-eccezzjoni rigwardanti l-preskrizzjoni u tal-eccezzjoni dwar il-meritu li qed jigu mchuda biss in parte u billi fit-tieni lok tilqa it-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta’ Lm723.22 ekwivalenti ghal euro elf sitt mija u erba u tmenin u hamsa u sittin centezmu (€1684.65) u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mill-1 ta’ Ottubru 1994 sad-data tal-effettiv pagament.

“Spejjez jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet.”

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Permezz ta’ dawn il-proceduri s-socjeta attrici qed titlob li s-socjeta’ konvenuta tigi kundannata thallas is-somma komplessiva ta’ tlett elef tlett mija u wiehed u tmenin lira maltija u tnejn u hamsin centezmu (Lm3381.52) in konnessjoni mas-servizzi tat-telefon relatati mal-linja tat-telefon numru tmienja, tnejn, sitta, zero, tlieta, wiehed (826031) u mal-linja numru tmienja, zero, sebgha, sebgha, erbgha, disgha (807749).

“Minn naha taghha s-socjeta’ konvenuta qed teccepixxi li l-ewwel talba tas-socjeta’ attrici hi rritwali peress li ddekora irrimedjabbilment it-terminu stabbilit mill-ligi ghan-

notifika tas-socjeta’ konvenuta. Teccepixxi ukoll li s-socjeta’ konvenuta mhux il-legittimu kontradittur stante li ma hemm l-ebda rabta kontrattwali bejn is-socjeta’ attrici u dik konvenuta ghar-rigward tas-servzzi in kwestjoni u li l-azzjoni tas-socjeta’ attrici hi preskritta a tenur tal-artikolu 2156 (d) u (f) tal-Kodici Civili. Ghal dawn ir-ragunijiet is-socjeta’ konvenuta tissottometti li t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

“Mill-provi prodotti jirrizulta li l-linja tat-telefon bin-numru 82 60 31 hi nstallata fi 13, Archibishop Gonzi Square, Kalkara u l-linja bin-numru 80 77 49 hi nstallata uoll fi 13, Archibishop Gonzi Square, Kalkara u dan skond ftehim bil-miktub bejn iż-żewġ kontendenti datat 20 ta’ Ottubru 1992 (fol 5) rigwardanti 826031 u ftehim bil-miktub bejn iż-żewġ kontendenti datat 6 ta’ Jannar 1983 rigwardanti 807749 (vide fol.37). Jirrizulta ukoll li l-ammont in kwestjoni hu dovut għal perjodu li jestendi minn qabel l-1 ta’ Ottubru 1994 sat-23 ta’ April 1997, u dan kif jirrizulta mill-prospett prodott mis-soċjetà attriċi u esebit bħala dokument B ghar-rigward yas-servizz tat-telefon bin-numru 826031 (fol.6) u dok C (fol.7) dwar is-servizz tat-telefon bin-numru 807749.

“Fl-ewwel lok ser tigi esaminata r-raba eccezzjoni tas-socjeta’ konvenuta rigwardanti l-preskrizzjoni. Gie deciz diversi drabi (“Maltacom Plc vs Salina Co Limited” deciza mill-Prim’ Awla tal-Qori Civili fit-30 ta’ Novembru 2004 u “Maltacom plc vs Anne Micallef” - citazzjoni numru 2927/1997 deciza fit 13 ta’ Jannar 2000) li f’materja ta’ krediti ta’ ħlas għas-servizz tat-telefon, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik kwinkwennalikif kontemplata fl-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Ix-xhud prodott mis-socjeta attrici kkonferma li l-ammont totali u komplessiv pendenti sal-1 ta’ Ottubru 1994 hu muri fl-imsemmija zewg prospetti (dokumenti “B” u “C”) bhala somma wahda bid-data tal-1 ta’ Ottubru 1994. L-istess xhud kien ipprometta li ser jivverifika jekk kienx hemm kontijiet li kienu jirreferu ghall-data precedenti l-1 ta’ Ottubru 1994. Fil-kors tas-seduta tal-tas-27 ta’ Marzu 2003 gie verbalizzat li s-socjeta’ attrici kienet ser tipproduci prosspett ghar-rigward tal-entrati bid-

data l-1 ta’ Ottubru 1994 fl-imsemmija zewg prospetti prodotti mis-socjeta’ attrici.

“Is-somom komplessivi murija f’dawn il-istess zewg entrati kienu rispettivament ta’ Lm 2094.50 u ta’ Lm564.33. Sussgwentement gie dikjarat mis-socjeta’ attrici (fol.204) li dawn il-prospetti dettaljati ghar-rigward tal-imsemmija zewg entrati ma kienux ser jigu presentati.

“In vista ta’ dak kollu li gie premess u peress li s-socjeta’ attrici naqset li tippresenta dettalji dwar l-entrati globali in kwestjoni hu ghal kollox probabli li fl-imsemmija ammonti globali fl-entrata bid-data tal-1 ta’ Ottubru 1994 hemm ammonti inklużi (ċioe’ Lm564.33 rigwardanti l-linja 826031 u Lm2094.50 ghar-rigward tal-linja 807749) li jirrigwardaw ammonti dovuti qabel l-imsemmija data u ghalhekk ghar-rigward ta’ dawn l-ammonti hu verosimili li l-azzjoni attrici hi preskritta bil-preskrizzjoni kwinkwenali applikabbli ghal din l-azzjoni u dan skond l-imsemmi atikolu tal-Kodici Civili. In effett meta jitqabblu l-ammonti dovuti minn Jannar 1995 sa’ April 1997 mal-ammonti li jinkorporaw il-perjodu ta’ qabel l-1 ta’ Ottubru 1994, hemm diskrepanza effettiva li tindika li fl-ammonti globali bl-entrata in kwestjoni jinkorporaw ammonti li jirreferu ghal qabel l-istess data tal-1 ta’ Ottubru 1994. In effett ukoll is-socjeta’ attrici naqset li tipprova sal-grad li trid il-ligi li l-imsemmija ammonti ta’ Lm564.33 u Lm2094.50 huma ammonti dovuti għall-perjodu li jiġi wara 25 ta’ Gunju 1993 u li għalhekk m’ghandhomx jitqiesu bhala preskritti.

“Konsegwntement l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, kif sollevata mis-socjeta’ konvenuta, ghandha tigi akkolta pero’ biss ghar-rigward tal-imsemmija ammonti ta’ Lm564.33 u Lm 2094.50. Ir-rimanemti ammonti u cioe’ Lm265.62 (rigward linja 826031) u Lm457.40 (rigward linja 807749) m’ghandhomx jitqiesu li huma preskritti. Kwindi it-talba ghal-hlas tas-socjeta’ attrici ghandha tigi akkolta limiotatament ghall-ammont komplessiv ta’ Lm732.22 ekwivalenti ghal €1684.65.

“Fir-rigward tat-tielet eċċezzjoni tas-socjeta’ konvenuta, rigwardanti n-nuqqas ta’ vinkolu kontrattwali bejn il-

partijiet, ghandu jigi rilevat li jirrizulta li l-ftehim sabiex tinghata l-linja 826031 hu ffirmat minn certu David Mifsud għan-nom tas-socjeta’ konvenuta. Jirrizulta ukoll li bid-dokument immarkat bħala “AX1” (fol.120) l-istess David Mifsud gie awtorizzat jiffirma l-istess ftehim ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta mill-istess socjeta’ konvenuta. Ghar-rigward tal-linja 907749 il-ftehim relattiv gie ffirmat ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta minn certu Mario Abdilla, li ġie awtorizzat jiffirma l-istess ftehim mis-socjeta’ konvenuta permezz tad-dokument li jinsab esobit a fol.121. Il-ftehim a fol 5, li huwa talba mis-socjeta’ konvenuta sabiex isem is-socjeta’ konvenuta ma tigix inkluza fid-direttorju tat-telefon hi ukoll ifrmata mill-imsemmi David Mifsuid ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta.

“In vista ta’ dak kollu li ntqal fil-paragrafu precedenti jirrizulta pprovat li z-zewg linji tat-telefon gew installati fuq talba tas-socjeta konvenuta u ghalhekk zgur li kien hemm relazzjoni ġuridika u kontrattwali bejn il-partijiet. Konsegwentement l-eccezzjoni tas-socjeta konvenuta rigwardanti n-nuqqas ta’ relazzjoni kontrattwali bejn il-partijiet timmerita li tigi michuda kif jimmeritaw li jigu rigettati l-eccezzjonijiet numru 1 u 2 tas-socjeta’ konvenuta.

“Għal dawn ir-raġunijiet għandhom jiġu miċħuda l-eċċezzjonijiet kollha tas-soċjetà konvenuta ad eccezzjoni tal-eccezzjoni rigwardanti l-preskrizzjoni u tal-eccezzjoni dwar il-meritu li ghandhom jigi michuda biss in parte. It-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti limitatament ghas-somma ta’ Lm723.22 ekwivalenti ghal euro elf sitt mija u erba u tmenin punt hamsa u sittin (€1684.65).”

Rat ir-rikors tal-appell tas-socjeta` konvenuta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha:

“… … tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza permezz ta’ liema laqghet in parte l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, tirriformaha f’dawk il-partijiet fejn (i) cahdet ir-raba’ eccezzjoni tas-socjeta` appellanti, (ii) kkundannata konsegwentement

thallas is-somma premessa u (iii) kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas nofs l-ispejjez tal-kawza u dan billi filwaqt li tilqa' r-raba' eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta, tichad it-talbiet attrici in toto bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:
Illi f'din il-kawza, is-socjeta` attrici talbet hlas tas-somma ta' tlett elef, tliet mija, wiehed u tmenin Liri antiki u tnejn u hamsin centezmu (Lm3,381.52) illum sebat elef, tmien mija, sitta u sebghin Euros u tnejn u tmenin Euro centezmi (€7,876.82) in konnessjoni mas-servizz ta' zewg numri tat-*telephone*. Is-socjeta` konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 2156(d) u (f) tal-Kodici Civili u eccepiet ukoll illi hi mhux il-legittima kontradittur.

L-ewwel Qorti laqghet in parte l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili, u qalet li t-talba tas-socjeta` attrici ghal hlas ghandha tigi akkolta limitatament ghall-ammont komplessiv ta' seba' mija, tnejn u tletin Liri antiki u tnejn u ghoxrin centezmi (Lm732.22), ekwivalenti ghal elf, sitt mija, erbgha u tmenin Euros u hamsa u sittin Euro centezmi (€1,684.65). Kontra din il-parti tas-sentenza ma tressaq ebda appell minn ebda naha, li jfisser illi kwantu ghal ammont tal-hlas dovut, din issa giet kristallizzata.

L-ewwel Qorti qalet ukoll illi s-socjeta` konvenuta hija, fil-fatt, il-legittima kontradittur peress li l-ftehim ghall-uzu tat-*telephone* inkwistjoni sar maghha.  Minn din il-parti tas-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta li qed tinsisti illi hi mhux responsabbli ghall-hlas.

L-ewwel Qorti osservat li kemm ghat-*telephone* bin-numru 826031, kif ukoll ghal dak bin-numru 807749, il-ftehim mal-Korporazzjoni awtrici tas-socjeta` attrici sar, fl-ewwel kaz, ma' David Mifsud, u, fit-tieni kaz ma' Mario Abdilla, izda dejjem f'isem is-socjeta` konvenuta.  Din is-socjeta`,

pero`, tichad dan u tissottometti li l-ewwel ftehim sar minn David Mifsud li kien mitlub japplika ghal-linja ghall-uzu minn Michael A. Fenech personalment, filwaqt li t-tieni numru ntalab minn Mario Abdilla *"for FOPCOL"*.

Fir-rigward tal-ewwel numru, hemm prokura minn Michael A. Fenech a favur David Mifsud, u ghalkemm tal-ewwel jghid li hu ried *telephone* fuq ismu personali, il-mandatarju ffirma l-ftehim ghan-nom tas-socjeta` Fenech Oil & Petrol Co. Ltd, u s-Sur Fenech jghid li din ma hijiex il-kumpanija konvenuta. Din il-Qorti tara li s-socjeta` konvenuta qed tapprofitta ruhha minn zball fl-isem taghha biex tipprova tahrab mill-obbligazzjonijiet taghha. Inoltre, li kieku s-Sur Fenech ried *telephone* fuq ismu personali u hekk ta istruzzjoni, ma hux verosimili li l-mandatarju David Mifsud kien jiffirma f'isem socjeta`. Dan il-mandatarju, kien zgur ma jiffirmax f'isem socjeta` kieku kien gie mitlub jirranga servizz telefoniku ghas-Sur Fenech personali.

Il-prokura relattiva harigha Michael A. Fenech f'Ottubru tal-1992 bl-indirizz 1, Marina Alley No. 3 Kalkara, li minn Jannar 1988, sar ir-*registered address* tal-kumpanija, li jkompli jikkonferma li n-numru kien mitlub ghall-kumpanija.

Dan David Mifsud ma xehedx f'dawn il-proceduri u wiehed jipprezumi li hu ffirma kif iffirma ghax hekk kien mitlub.

Dwar l-isem tal-kumpanija, hu car li dan kien zball tal-kalligrafija, u dan aktar u aktar meta ma giex muri li l-kumpanija Fenech Oil & Petrol Co. Ltd hi kumpanija differenti minn Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd. Il-fatt li intalab li n-numru jkun *ex-directory* ma jfissirx li s-socjeta` ma setghetx titlob hi li jkollha numru privat, u dan ghall-ezigenzi taghha.

Fir-rigward tan-numru 807749, il-ftehim gie ffirmat minn Abdilla Mario f'isem FOPCOL li hija s-socjeta` Fenech Oil & Petroleum Co. Ltd, kif jidher mil-*letter head* tal-istess socjeta`. Lanqas dan Mario Abdilla ma gie mitlub jixhed, u meta tqis li mandat jista' jkun anke verbali, din il-Qorti

ma tiddubitax li, f'dik l-epoka, dan l-impjegat kien gie awtorizzat biex hekk jagixxi.

Meta tqis ukoll li, fiz-zewg kazi, it-*telephones* gew installati ghall-uzu tas-socjeta` konvenuta, u li l-ftehim sar *'at business rates'*, din il-Qorti ma taccettax li s-socjeta` konvenuta ghandha tinheles mill-osservanza tal-gudizzju. Il-fatt li n-numru seta' intuza minn kumpanija ohra tal-istess ahwa Fenech, u li l-kumpanija (mill-hmistax [15] li jinghad li kellhom) setghet irreklamat numru partikolari ghal min ried is-servizzi taghha, ma jinnewtralizzax il-fatt li l-ftehim sar min-nies f'isem is-socjeta` konvenuta kif hekk kien jidher li kienu awtorizzati. Is-socjeta` konvenuta ma tistax tuza' l-hafna socjetajiet li tahthom kienet topera biex tipprova tehles mir-responsabbilitajiet taghha lejn il-kredituri taghha; dan hu agir frawdolenti li din il-Qorti mhux lesta tippermetti.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mis-socjeta` konvenuta billi tichad l-istess u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti.

L-ispejjez tal-kawza in prim' istanza jibqghu kif ordnat l-ewwel Qorti, filwaqt li l-ispejjez marbuta mal-appell jithallsu kollha mis-socjeta` konvenuta appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------